# Il-Markiża Anna Buġeja

Chev. Mario Coleiro OSJ

Il-Markiża Anna Buġeja, née Darbois, hija mart il-Markiż Vincenzo Buġeja li huwa meqjus bħala wieħed mill-ikbar filantropiċi li qatt kellu pajjiżna. Bħal żewġha, il-Markiża kienet ukoll benefattriċi ta' dawk fil-bżonn u ħadmet ħafna biex ittaffi t-tbatijiet tan-nies fil-bżonn.

Il-Markiża twieldet fil-belt ta' Napli ġewwa l-Italja fis-sena 1830. Hija kienet bint is-soprana magħrufa Camilla Henoque u żewġha Philip Darbois. Sa minn tfulitha Anna kienet qed turi li kienet bniedma ta' karità u ħniena kbira. Id-destin tagħha ried li hi tiltaqa' man-negozjant Malti Vincenzo Buġeja waqt li kienet fuq żjara f'Malta ma' ommha li kienet ġiet hawn biex tkanta fit-teatru prestiġġjuż tal-Manoel. Vincenzo kien imprenditur f'dan l-istess teatru u kien b'dan il-mod li Anna ltaqgħet miegħu. Għalkemm hi kien għad kellha età żgħira, sa mill-ewwel darba li ltaqgħu huma nġibdu sew lejn xulxin u nibtet imħabba sinċiera. Wara ftit taż-żmien Anna żżewġet lill-maħbub tagħha Vincenzo Buġeja u l-koppja marru joqogħdu f'dar kbira fil-Belt Valletta. Huma qatt ma kellhom ulied miż-żwieġ tagħhom imma ddedikaw ħajjithom għall-karità tan-nies foqra u fil-bżonn. Fil-fatt, il-Markiża Buġeja kienet magħrufa bħala l-*Anġlu tal-Orfni*. Hija kienet dejjem wara żewġha fil-proġetti kbar li wettaq biex itejjeb il-ħajja tat-tfal orfni u abbandunati.

Wara udjenza privata li kellhom il-koppja mal-Papa Piju IX, Vincenzo ħareġ bil-proposta li jibni konservatorju għal tfajliet orfni u abbandunati. Il-bini tal-konservatorju beda miexi ġmielu u Anna kienet ta' spalla importanti għal żewġha fit-twettieq ta' dawn l-opri tant ta' ġid għall-proxxmu. Meta kien lesta dan il-bini



L-Istitut Tekniku Vincenzo Bugeja li jinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp, f'Santa Venera

importanti, il-Markiż reġa' daħal għall-proġett ieħor. Din id-darba hu ta bidu għal skola teknika għas-subien. Meta miet żewġha hija kompliet bil-bini tal-iskola teknika San Filippu Neri. Dan il-proġett kien bdieh żewġha imma wara mewtu l-Markiża daħlet għalih biex lestietu. Din hija binja sabiħa ferm u b'arkitettura eleganti u maestuża.

Fih wieħed kien isib imħażen b'diversi magni, librerija, u dak kollu li wieħed jeħtieġ biex jitħarreġ fis-snajja' kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika. Dan il-bini kien l-ewwel skola teknika ġewwa pajjiżna u kien sewa lill-Markiża Buġeja s-somma ta' 30,000 lira, u li għal dak iż-żmien kienet ċifra fenomenali. Dan il-bini ssemma' "Istituto Tekniko Vincenzo Buġeja" u ġie inawgurat fl-1 ta' Novembru 1914. Il-Markiża ħasbet ukoll biex dan l-istitut ikollu fondi biżżejjed biex ikun jista' jagħti għajnuna lil dawk it-tfal li kienu ġejjin minn familji foqra ħafna.

Il-Markiża Buġeja kienet ukoll il-benefattriċi tal-Knisja Parrokkjali ta' Marija Addolorata ġewwa San Pawl il-Baħar. Hi kienet bniet din il-knisja meta rrealizzat li dawk li kienu jgħixu f'dawk l-inħawi u dawk li kienu jmorru għall-villeġġjatura ma kellhomx knisja sew biex jinqdew spiritwalment. Għal dan il-għan, il-Markiża Buġeja hija meqjusa bħala l-benefattriċi tal-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar.

Il-kumplament ta' ħajjitha l-Markiża Buġeja għaddietha tgħin lil min kien fil-bżonn. Il-ġid kbir li Alla għoġbu jżejjen lilha u lil żewġha bih, hi għażlet li tużah biex ittaffi t-tbatija ta' dawk l-iktar batuti fis-soċjetà Maltija. Il-Markiża Anna Buġeja mietet fil-11 ta' Marzu tal-1916 u tinsab midfuna fil-kappella li hemm fil-"Conservatorio Buġeja", fejn hemm ukoll midfun żewġha. Il-poplu Malti baqa' rikonoxxenti lejn din il-koppja ta' filantropi għat-tjubija li wrew f'ħajjithom billi wettqu wħud mill-ikbar proġetti li saru f'pajjiżna fejn tidħol il-karità mal-proxxmu. Fortunatament, dawn iż-żewġ binjiet mill-isbaħ jinsabu jsebbħu t-triq prinċipali tar-raħal tagħna, u, għalkemm illum m'għadhomx jaqdu l-istess għan li nbnew għalih, però xorta waħda jfakkruna fil-ġenerożità bla qies tal-koppja Vincenzo u Anna Buġeja.




**Il-qabar tal-Markiża Bugeja li jinsab fil-*Conservatorio Bugeja***